MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Numru 834/2008

Il-Pulizija
(Spettur Anna Marie Micallef)

vs

Steve Saliba

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 115592(M) li hu akkuzat talli:

1. nhar s-17 ta’ Mejju, 2008, ghall-habta tas-2:30p.m., fi Triq C. De. Brockdroff, Imsida ikkommetta serq ta’ oggetti u cioé ta’ ‘scooter’ liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37), u li sehh ghad-detriment ta' Joseph Botchwey.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi apparti l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata l-istqarrija tal-imputat hija auto-inkriminanti.

Inghad dan però hemm fatturi mitiganti fil-konsiderazzjonijiet tal-piena bhala huma l-età tal-imputat, l-fedina penali netta u li hu gharaf l-izball li ghamel.

Rat l-Artikolu 261 (c), 267, 279 (a) tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------